# INGAWDU L-PARIMONJU MĦOLLI LILNA

## Daħla

Niftakar antiki jgħiduli x'entużjażmu kien hawn fil-bidu tas-seklu meta l-Pittur Ruman Virginio Monti temm l-affreski fis-saqaf tat-tempju elenjan. Kienet opra li swiet ħsieb, responsabbiltà u sagrifiċċi minn bosta nies, kemm minn dawk li għamlu offerti kif ukoll minn dawk kollha, li permezz ta' xogħol manwali ħejjew dak kollu li Monti ordnalhom, bħala preparamenti għax-xogħol artistiku tiegħu. Dan it-tempju mhux kull opra tixraqlu. Tempju li hu meqjus bħala kapolavur fl-istil barokk, minn żmien il-bini tiegħu (1727–45) beda jiġi mirqum b'opri deċenti u ta' valur. Mhux il-ħsieb tiegħi li nagħti dettalji ta' x'kien sar meta ġew inawgurati l-affreski. Inkiteb bosta dwarhom fil-gazzetti maltin kif ukoll f'uħud barranin.

## Sodisfazzjon

F'ittra ta' radd il-ħajr, miktuba mill-Prepostu Karkariż Alfons Borg, President tal-Kummissjoni



Pittura, il-Kanonku Anton Borg Segretarju u n-Nutar Gius Zammit, kaxxier, huma faħħru t-twettiq ta' dik l-opra. Ġie użat il-kliem *"ardimentosa concezione e accurata esecuzione del suo lavoro"*. Riedu jpoġġu fuq fomm Virginio Monti l-kliem ta' Orazju: *"Egi monumentum aere perennius"*. (għamilt mafkar li jdum aktar mill-bronż). Monti wieġeb b'ittra minn Rieti datata 23 ta' Mejju 1911. Fiha hu wera s-sodisfazzjon tiegħu personali u stqarr: *"sono troppo tranquillo dell'opera mia in primo luogo di fronte alla mia coscienza e poi come artista e gentiluomo"*.

## Il-għażla tas-suġġett ta' l-affreski

F'tempju ddedikat lil Sant'Elena, aktar minn dettalji dwar ħajjitha, il-Kanonku Palermitan Salvatore di Pietro, midħla tajjeb fl-istudju bibliċi u patristiċi, ippreżenta lil Virginio Monti, fuq inkarigu tal-Kummissjoni karkariża, studju serju dwar ir-rwol tas-salib li dwaru l-qaddisa kellha rabta speċjali. L-istess Liturġija tqim lil S. Elena bħala l-qaddisa li minn qalbha qdiet u tat qima lill-misteru tas-salib.

Mill-ħajja ta' Elena, bint Koel, Monti għażel li jpitter lill-qaddisa teduka lil binha. Hi kienet iżżewġet lill-Ġeneral Kostanzo Kloro, u kellhom dan l-iben, imwieled f'Naissus (275 A.D.) u semmewh Kostantinu. Minħabba servizz militari, missieru kellu jqatta bosta jiem 'l bogħod mid-dar. Għalhekk it-trobbija tajba Kostantinu ħadha mingħand ommu. Il-pittur ħalla barra bosta episodji mill-ħajja privata tal-qaddisa, li ma kienu xejn ħfief. Il-firda minn żewġha Kostanzo u aktar tard minn binha, bi skuża li l-Imperatur ried itih taħriġ sod militari, kienu perijodi tqal f'ħajjitha. Wara li binha, laħaq fi grad għoli wara l-mewt ta' missieru, Kostantinu kellu battalja qalila kontra l-għadu ewlieni tiegħu Massenzju fuq il-Ponte Milvio. Hawn hu ħareġ rebbieħ. Kien issa wasal iż-żmien li jkun maħtur Imperatur.

Fis-saqaf tal-kursija Monti tana l-affresk tad-dehra tas-salib lil Kostantino fl-eqqel tal-jum, il-jum ta' qabel it-taqtiegħa: **"In hoc signo vinces"** (B'dan is-sinjal inti tirbaħ). Kien għaqli biżżejjed Kostantinu li dan is-sinjal jitpinġa fuq l-armamenti kollha tat-taqbid. Monti tana wkoll fit-tebqa tan-nofs tal-kursija l-affresk tar-rebħa fuq Massenzju li ġie mgħarraq fix-xmara Trevi. Din ir-rebħa kellha





effett kbir fuq l-Imperatur Kostantinu; hu sejjaħ fejnu lil ommu Elena. Fit-tielet tebqa ta' l-affresk, Monti tana l-Editt ta' Milan (313 A.D.). Fih Kostantinu u Liċinju taw il-libertà lill-Knisja li għal bosta snin taħt għaxar persekuturi kiefra, sofriet u batiet. Monti ma taniex dettalji dwar il-ħidma umanitarja li wettqet din il-mara mhux tas-soltu. Dan ma għamlux, għax fl-ispazju li kellu Monti ried jagħti prominenza lir-rwol tas-salib f'ħajjitha. Kienet wisq xewqana li hi tagħmel żjara lil-postijiet li fihom għex Ġesù. F'wieħed mill-Konċilji, li fih kien preżenti wkoll binha, kien ġera xi diskors ma' l-Isqof ta' Ġerusalemm, Makarju, dwar l-eventwalità li jinstab is-Salib tal-Feddej li fuqu l-Imgħallem divin temm ħajtu fuq il-Golgota. Monti hawn tana affresk, fejn ried jurina x-xwjeħa Elena qed tiġi mnebbħa minn anġlu biex twettaq xewqitha li żżur l-art imqaddsa.

## L-affreski tal-Kappellun tal-Kurċifiss

Kienu għaddew mijiet ta' snin minn mindu l-għedewwa tan-Nazzarenu ħbew il-għodda kollha tal-passjoni. Talbet ħafna l-qaddisa u staqsiet min seta' jagħti xi ħjiel dwar fejn setgħu tpoġġew. Wara li nkiseb xi tagħrif, kellu jibda t-tħaffir, jitniżżlu xi tempji pagani u fost qtieħ il-qalb bdew jinkixfu s-slaleb u l-għodda kollha tal-passjoni. Kellha tiġi maħlula d-diffikultà liema wieħed mit-tliet slaleb









misjuba kien dak li fuqu miet Ġesù! Permezz tal-miraklu tal-moribonda li messewha mas-salib, ġie identifikat is-salib veru ta' Ġesù.

Il-fatti li ssemmi l-istorja dwar il-qima mogħtija lis-Salib, lejn il-ħidma tal-Qaddisa fl-Art Imqaddsa, Monti ma jinkludi xejn. Il-missjoni tal-Qaddisa kienet għoddha waslet fi tmiemha.

## Fil-Kappellun tar-Rużarju

Wara ħajja qaddisa, li fiha hi ma sabitx kollox ward u żahar, anzi kienet imħawra sewwa bit-togħma tat-tbatija, firda, solitudni, abbandun, diżappunti oħra fil-ħajja familjari tagħha u ta' binha, kif tixhed l-istorja, Elena baqgħet dejjem leali għall-wegħdiet tal-Magħmudija, tgħammdet meta tgħammdet. L-unuri li kellha lejn tmiem ħajjitha ma telfuhiex



rasha. It-tmiem kien qed joqrob. Bħala bniedma u bħala Omm, h bdiet tħoss l-uġigħ tal-firda minn min ħabbet. Fil-parti tan-nofs, Monti tana l-affresk tal-qaddisa fuq is-sodda tal-mewt, imdawra minn binha u l-familjari tiegħu. Nisthajjilha ttennilu l-aħħar twissijiet, li b'attenzjoni serja sema'. Ruħha ttajret lejn is-sema u t-telfa tagħha ħassha kulħadd.

## "Tellaqt it-tellieqa żammejt il-fidi"

Dan huwa l-kliem li l-Appostlu tal-Ġnus kiteb lil sieħbu l-Isqof Timotju. Dawn l-istess kliem, setgħet ittenni l-qaddisa meta dehret quddiem Alla. Biex timxi b'ġenerożità wara Ġesù, hi għexet il-misteru tas-salib, bla ma qatt stħat tistqarr twemminha. Għalhekk kien hemm lest għaliha l-premju.

Meta nifli l-affresk tas-saqaf tal-kor, niftakar fi kliem Ġesù li qalilna li mhux ser iħallina orfni, meta jitbiegħed minn fostna, imma jibqa' jsegwina, jibqa' magħna u jibgħatilna difensur ieħor l-Ispirtu s-Santu li dejjem jibqa' magħna. Missirijietna sa minn qabel l-1402, għażlu lil din il-qaddisa biex tkun il-protettriċi tal-parroċċa tagħna. Lilha bnewlha tempju mil-isbaħ, l-iskultur bormliż Salvu Psaila naqqax fl-injam ta' l-arżnu xbiha meraviljuża li tgħaxxaq lil kull min iħares lejha, kemm malti kif ukoll barrani. Din il-qaddisa talbet u għadha tidħol għalina. Sewwa kiteb il-kuġin tiegħi, il-Kavalier Ġużè Dimech Debono fl-Innu li hu kkompona biex jiġi mużikat:

*"Il lusso e l'oro reggio sprezzando, a Dio ti desti Div'Elena, e ora tra gli angeli godi di ben celesti.*





*Dalle nemiche insidie guardaci per amor"* (Inti ma mlejtx rasek bil-lussu u l-għana tas-slaten, iżda issa fost il-ħlejjaq tas-sema qed tgawdi dan il-ġmiel bla qies. Lilna eħlisna minn kull ingann tax-xitan). Niftakar ukoll dak li kiteb il-kanonku Professur Dun Ġwann Bugeja fl-innu li kiteb għall-Banda l-oħra:

*"Or guarda questo popolo che al nome tuo s'inchina sol. Ti mostri a lui benefica o Altissima Regina. Senza veder tue grazie non venga un altro sol"* (O Sultana ta' kobor, ixħet ħarstek fuq dan il-poplu, li tnat iqim lil ismek, ikollok ħniena minnu u agħmel li ma jinstab ħadd li ma jduqx il-benna ta' l-interċessjoni tiegħek). (Aktar minn traduzzjoni ippreferejt parafrasi.)

## L-Abside tal-Kappella tar-Rużarju

Hawn Monti ried jagħti dettal tar-ritorn tar-relikwija nsinji tas-salib li ġiet misruqa minn Kosroa II (sena 614 A.D.) u meħuda fil-Persja fejn damet miżmuma seba' snin. L-Imperatur Eraclius ried iwassalha hu personalment b'mod solennni fit-tempju ta' Ġerusalemm minn fejn insterqet. Naraw l-Imperatur Eraclius, liebes ilbies komuni, fejnu hemm l-Isqof Zaccarias u nies oħra jieħdu sehem. Din il-festa titfakkar fil-knisja universali kull 14 ta' Settembru, festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib.

F'din il-kitba ma semmejt xejn dwar il-pittura tal-koppla, studju li qed jixxandar band'oħra. Ħallejt barra wkoll il-figuri tas-Santi Padri, griegi u latini u persunaġġi oħra li nsibu madwar it-twieqi tal-kor u l-kursija. Di Pietro għażel dawn bi studju apposta li ġie aċċettat minn Monti.

Hu mixtieq li nħarsu b'attenzjoni u niflu dawn l-affreski biex ikollna aktar dawl u tagħrif dwar il-misteru tas-Salib li tant kien għażiż għall-qaddisa Elena.

**28 ta' Mejju 1999**
**Anton Mallia Borg**